PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

**2014/2145(INI)**

19.3.2015

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika: analiżi u sfidi (2014/2145(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Goulard

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li huwa assolutament neċessarju li jkun hemm tisħiħ sostanzjali tal-leġittimità demokratika tal-unjoni ekonomika u monetarja (UEM) fi ħdan il-qafas istituzzjonali tal-UE u, b'konformità mal-metodu Komunitarju; iqis li l-atti leġiżlattivi bbażati fuq trattati intergovernattivi u implimentati matul il-kriżi fixklu l-leġittimità demokratika tal-UEM; jitlob, għalhekk, li l-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà (MES) jiġi integrat kemm jista’ jkun malajr fl-acquis tal-UE, filwaqt li jitqies li r-regoli interni tal-Parlament joffru marġini suffiċjenti ta’ manuvra biex jiġu organizzati, fejn ikun xieraq, forom speċifiċi ta’ differenzazzjoni abbażi ta’ ftehim politiku fi ħdan u fost il-gruppi politiċi sabiex jiġi pprovdut skrutinju xieraq tal-UEM; jitlob ukoll li d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) jiġu integrati fil-qafas ġuridiku tal-Unjoni Ewropea f’mhux iżjed minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, u wara valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tiegħu;

2. Jirrakkomanda, f’dan is-sens, it-twaqqif ta’ governanza ekonomika anqas kumplessa, u aktar effiċjenti u trasparenti, li timmira, fuq medda twila ta’ żmien, għall-integrazzjoni iktar profonda tal-UE, filwaqt li toffri soluzzjonijiet fuq medda medja ta’ żmien sabiex iż-żona tal-euro u l-Unjoni jkunu jistgħu jiffaċċjaw l-isfidi attwali;

3. Jenfasizza li kemm il-Grupp tal-Euro kif ukoll is-Summit taż-Żona tal-Euro huma formazzjonijiet informali tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u tal-Kunsill Ewropew u li huma ħadu deċiżjonijiet importanti fil-qasam tal-UEM matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika, iżda li dawk id-deċiżjonijiet għalhekk ġew affettwati min-nuqqas ta’ leġittimità demokratika;

4. Jitlob il-konklużjoni ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill li jipprovdi għall-iskrutinju parlamentari tal-istadji varji tas-Semestru Ewropew, l-ewwel fosthom l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir;

5. Huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni tad-djalogu ekonomiku jeħtieġ li tiġi rieżaminata bl-akbar reqqa sabiex ikun żgurat li jkun hemm skrutinju parlamentari xieraq fl-istadji kollha tal-proċeduri (il-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir (PST) u l-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku);

6. Jilqa' t-twaqqif tal-Konferenza Interparlamentari dwar il-Governanza Ekonomika u Finanzjarja tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza, madankollu, il-limiti tagħha f’dak li jikkonċerna t-tħeġġiġ tar-responsabbiltà min-naħa ta’ dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet; huwa tal-fehma li fil-qasam tal-UEM, il-kontroll parlamentari għandu jkun kondiviż bejn il-livell nazzjonali u dak Ewropew u jinsisti li r-responsabbiltajiet għandhom jinġarru fil-livell fejn jittieħdu jew jiġu implimentati d-deċiżjonijiet, bil-parlamenti nazzjonali jiskrutinjaw lill-gvernijiet nazzjonali u l-Parlament Ewropew jiskrutinja l-eżekuttiv Ewropew; Jemmen li dan huwa l-uniku mod biex tiġi żgurata r-responsabilità akbar meħtieġa tat-teħid ta’ deċiżjonijiet; iqis li din iż-żieda fil-leġittimità tista’ tiġi żgurata billi

tiġi prevista l-adozzjoni ta' programmi nazzjonali ta’ riforma u sħubiji ta’ konverġenza possibbli minn parlamenti nazzjonali, kif ukoll l-adozzjoni permezz tal-kodeċiżjoni ta’ orjentazzjonijiet ta’ politika Ewropej wiesgħa fil-forma ta’ linji gwida ta’ konverġenza, att legali ġdid tal-UE li jistabbilixxi numru limitat ħafna ta’ prijoritajiet li jkunu validi għal perjodu ta' żmien definit, u li jintużaw l-aktar fl-adozzjoni tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi; jenfasizza li tali kooperazzjoni m’għandhiex titqies bħala l-ħolqien ta’ korp parlamentari mħallat ġdid, li jkun kemm ineffikaċi kif ukoll illeġittimu mil-lat demokratiku u kostituzzjonali;

7. Jiddispjaċih li l-kapaċità tal-parlamenti nazzjonali li jikkontrollaw u jinfluwenzaw l-azzjonijiet tal-gvernijiet tagħhom fl-UE hija insuffiċjenti; huwa tal-fehma li l-parlamenti nazzjonali għandu jkollhom sehem aktar attiv fit-tfassil tal-politika f’termini ta’ skrutinju u tfassil tal-pożizzjonijiet tal-gvernijiet tagħhom qabel ma jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni;

8. Jenfasizza li l-qafas ġuridiku għall-programmi ta’ assistenza jeħtieġ li jiġi rivedut sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet kollha jittieħdu taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni bl-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew, sabiex jiġu żgurati leġittimità demokratika sħiħa u obbligu ta' rendikont; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta b’mod regolari lill-Parlament dwar id-deċiżjonijiet rilevanti meħuda meta tkun involuta fil-verifika tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Istati Membri; jenfasizza li l-Parlament għandu jwettaq segwitu, mingħajr dewmien, għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta’ Marzu 2014 dwar ir-rwol u l-operazzjonijiet tat-Trojka (il-BĊE, il-Kummissjoni u l-FMI) fir-rigward tal-pajjiżi tal-programm taż-żona tal-euro[1] , u jħejji riżoluzzjoni ġdida u separata, iddedikata għal kollox għal din il-kwistjoni, imfassla u bbażata fuq l-ewwel inkjesta;

9. Iqis li sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi nazzjonali, huwa ta’ importanza assoluta li l-Kummissjoni tivverifika l-kwalità tal-finanzi pubbliċi, u b’mod partikolari tagħmilha ċara li l-baġits nazzjonali jridu jkunu orjentati lejn il-futur, billi tidentifika, flimkien mal-Eurostat, u tinkoraġġixxi l-infiq fl-investiment aktar milli l-infiq fil-konsum;

10. Huwa tal-fehma li "UEM ġenwina" ma tistax tkun limitata għal sistema ta' regoli imma teħtieġ kapaċità baġitarja bħala parti mill-baġit tal-UE, abbażi ta' riżorsi proprji speċifiċi, li fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni, tappoġġja t-tkabbir sostenibbli u l-koeżjoni soċjali filwaqt li tindirizza d-diverġenzi strutturali u l-emerġenzi finanzjarji li huma konnessi direttament mal-unjoni monetarja, u fejn huma meħtieġa r-riformi strutturali;

11. Huwa tal-fehma li d-dimensjoni soċjali tal-UEM għandha tittieħed inkunsiderazzjoni u jfakkar li l-Artikolu 9 tat-TFUE jiddikjara li “fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali ...”; ifakkar ukoll li l-Artikolu 3 tat-TUE jiddikjara li “l-Unjoni għandha [tkun mibnija fuq] ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjieg u progress soċjali”; jemmen li, skont il-prinċipju tad-dinjità tal-bniedem, kif imħaddan fit-Trattat, m’għandux ikun hemm ħela ta' riżorsi umani u dawn għandhom jitqiesu bħala element kruċjali tal-kompetittività; jitlob

[1] Testi adottati, P7_TA(2014)0239.

trattament ugwali tad-drittijiet soċjali u l-libertajiet tas-suq intern fil-ġerarkija tan-normi;

12. Jitlob li l-Presidenti tal-erba' istituzzjonijiet jippreżentaw "pjan direzzjonali" ambizzjuż li jiddeskrivi l-progress leġiżlattivi u istituzzjonali meħtieġa biex jinħoloq l-aħjar futur possibbli għaż-żona tal-euro, l-UE u ċ-ċittadini tagħha; jenfasizza li l-Parlament għandu jwettaq bis-sħiħ il-parti tiegħu fid-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet li ġejjin permezz ta' riżoluzzjoni adottata mill-plenarja, li għandha tkun il-bażi għal kontribuzzjoni tal-President għall-"Pjan Direzzjonali", kif iddikjarat fin-nota f'qiegħ il-paġna 1 tan-Nota Analitika ppreparata għal-laqgħa informali tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Frar 2015 (Inħejju għall-passi li jmiss għal governanza ekonomika aħjar fiż-żona tal-euro): "Il-President tal-Kummissjoni Ewropea indika l-intenzjoni tiegħu li jibbaża ruħu fuq l-input mingħand il-President tal-Parlament Ewropew fir-riflessjonijiet tiegħu matul it-tħejjija tar-rapport";

13. Jemmen li UEM ġenwina tirrikjedi t-tisħiħ tal-istat tad-dritt, kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tat-TUE; iqis li l-istat tad-dritt huwa definit bħala sistema istituzzjonali fejn awtorità pubblika hija soġġetta għal-liġi u l-ugwaljanza tas-suġġetti legali hija ggarantita minn ġurisdizzjonijiet indipendenti; iqis li din il-kwistjoni għandha tkun waħda mill-prijoritajiet, inter alia, li għandhom jiġu indirizzati fil-qafas tar-rapport intitolat "l-evoluzzjonijiet u l-aġġustamenti possibbli għall-format istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea", u li dan għandu jinkludi proċeduri ta' ksur u rikors għal annullament kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill; jemmen li l-involviment tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jista' b'mod partikolari jiggarantixxi li r-regoli se jkunu applikati b'mod uniformi irrispettivament mid-daqs tal-Istat Membru u se jipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini u d-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tagħhom fil-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-programm; jiddikjara li dan ir-rwol għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mhuwiex se jirriżulta f'dewmien ta' proċeduri ta' governanza ekonomika, peress li dawn il-proċeduri m'għandhomx effett sospensiv;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 17.3.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 12<br>–: 3<br>0: 7 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Kostas Chrysogonos, Richard Corbett, Pascal Durand, Esteban González Pons, Danuta Maria Hübner, Jo Leinen, Morten Messerschmidt, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, György Schöpflin, Pedro Silva Pereira, Barbara Spinelli, Rainer Wieland |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Max Andersson, Gerolf Annemans, Pervenche Berès, Sylvie Goulard, Roberto Gualtieri, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Marcus Pretzell |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Frank Engel, Markus Pieper, Adam Szejnfeld |